

# Niċeċ fit-Toroq Tagħna

Is-Sinj. Massabielle Zammit B. Ed bl-Unuri

Ħafna mit-toroq u d-djar ta' beltna huma mżejna b'għadd kbir ta' niċeċ tassew ħelwin kważi f'kull kantuniera jew fuq id-djar. Hi tradizzjoni tassew sabiħa li sfortunatament maż-żmien bdiet tintilef sakemm kważi dabet fix-xejn. Il-blokok tal-konkrit qerdu l-ispirtu li kien jikkaratterizza d-djar tradizzjonali li sa mill-faċċata stes kont tilmaħ dan l-aspett ċkejken reliġjuż.

Fost il-ħafna niċeċ li jżejnu r-raħal tagħna, hemm minnhom li jispikkaw iktar minn oħrajn jew minħabba l-qies jew minħabba xi storja li tkun marbuta magħhom. Hi tassew ħasra li ħafna minn dawn in-niċeċ qed jintilfu kemm minħabba ż-żmien li għadda minn fuqhom kif ukoll għax id-djar jitwaqqgħu u jitilgħu oħrajn bi stil tassew differenti flokhom.

**Niċeċ Marjani**

Marbuta ma' dawn in-niċeċ insibu għadd ta' ġranet li fihom kienu jingħataw l-indulġenzi minn diversi isqfijiet għal min jieqaf jitlob quddiemhom. Niċċa tassew sabiħa hi n-niċċa tal-Kunċizzjoni li tinsab fi Triq Santa Marija. Hi statwa sempliċi imma li tiġbdek fl-istess ħin. Tirrappreżenta l-figura tal-Madonna bħalma naraw fuq id-domna tal-Madonna Mirakoluża. Aktarx li saret lejn l-aħħar tas-seklu 19. Sfortunatamet il-qagħda tagħha hi waħda ħażina tant li lanqas il-ktiba ta' taħt in-niċċa ma tista' tinqara sewwa.

Fost l-iktar titli komuni Marjani li nsibu huma tar-Ružarju u tal-Karmnu. Niċċa tassew ħelwa tal-Madonna tar-Rużarju hi dik li tinsab fuq dar li llum ġiet ikkonvertita f'ħanut viċin il-pjazza kantuniera bejn Triq il-Madonna tal-Bon Kusill u Triq Santa Marija. B'kuntrast ma' niċeċ oħra, din in-niċċa m'għandiex il-plakka tal-indulgenzi. Statwa oħra tal-Madonna tar-Rużarju hi dik li nsibu fi Triq San Mikiel. Sfortunatament il-kuruna tar-Ružarju ntilfet maż-żmien minn idejn il-Madonna u l-Bambin. Bħala livell artistiku hi statwa sempliċi ħafna iżda devozzjonali. Din in-niċċa mid-deskrizzjoni li nsibu taħtha tgħodd mal-mitt sena.

Viċin tal-kappella ta' Santa Marija nsibu niċċa oħra ddedikata lil Marija Assunta. Qabel ma ġiet irrestawrata din in-niċċa kienet miżbugħa iżda llum il-ġurnata l-kuluri oriġinali ntilfu għal kollox. L-aħħar niċċa tal-Madonna li ser nitkellem fuqha hi dik li tinsab fl-isqaq tal-Madonna tal-Bon Kunsill. Qabel taqbad l-għassa ma' idek tax-xellug hemm sqaq dejjaq li fih hemm dar b'niċċa tassew ħelwa ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu. Aktarx li saret lejn is-sena 1879 skont l-iskrizzjoni li hemm taħtha hi fuq stil barokk bl-arzella fuq wara tal-istatwa. Il-gost f'din in-niċċa hu li fuq kull naħa hemm tieqa ċkejkna li tkompli tagħti dehra ħelwa lil din in-niċċa.

It-toroq tagħna mhumiex biss imżejnin b'niċeċ Marjani. Insibu wkoll niċeċ iddedikati lill-qaddisin. Fosthom insibu dik li hi ddedikata lil San Lawrenz. Ir-rabta bejn iż-Żejtun u l-Birgu hi waħda antika minħabba li ħafna Żwieten kienu jaħdmu fil-Port. Apparti minn hekk ħafna nies mill-Kottenera kienu marru jgħixu ż-Żejtun fi żmien il-gwerra biex ikunu iktar fis-sigur. Jista' jkun li din in-niċċa saret minn xi ħadd devot mill-Birgu.

Niċċa oħra li sfortunatament tassew tinsab fi stat ħażin hi n-niċċa ta' San Ġużepp li tinsab fi Triq Marsaxlokk. Meta kont żgħira u konna nitilgħu għand in-nanna, kien il-gost tiegħi nara din in-niċċa flimkien ma' dawk ta' San Pawl u San Nikola fl-istess triq.

Ma tistax tkun dieħel iż-Żejtun minn Misraħ Carlo Diacono u għajnejk ma jaqgħux fuq il-faċċata tal-Palazz tal-Markiża tal-Bon Kunsill. F'nofs il-faċċata ta' dan il-palazz ta' min jinnota statwa xejn komuni li hi tal-profeta Danjeli. Dan għaliex il-palazz hu magħruf bħala Id-dar ta' Danieli "Aedes Danielis". Lisem Danjieli hu

komuni ħafna fil-Familja TestaFerrata Bonici. Iżda ma' din l-istatwa hemm marbuta storja li torbot l-iktar ma' Danieli li hu ħu Girgor Bonici. Aktarx li kien miet t'eta' zghira fl-1959. F'id l-istatwa ta' Danjieli li hemm mal-faċċata narawh qed iżomm parċmina li fuqha hemm il-kitba li tgħid "Ħallas għal dnubietek bil-karita` 1660". Il-figura ta' Danjieli li ssoltu nassoċjawha mal-profeta tal-antik testament, f'din l-istatwa narawh ftit differenti għalkemm taħt saqajh naraw seba' ljuni. Fil-komma tal-lemin, nosservaw buttuna li turi li hu nobbli. Meta tħares lejn il-wiċċ tal-istatwa tinnota xebh qawwi ma' wiċċ Girgor Bonici hekk kif narawh fil-kwardu li nsibu fil-parroċċa. Fuq in-niċċa tidher l-arma tal-Familja Bonici li tissimbolizza l-ġilju bajdani fuq fond ċelesti.

Ftit 'il boghod minn din ix-xbieha eżatt kif taqbad it-triq tal-għassa naraw niċċa żgħira fil-ħajt li fiha statwetta ta' San Ġwann il-Battista xogħol tal-iskultur Zejtuni Xandru Farrugia. Dan għaliex f'din id-dar għex dan l-istess skultur mal-familja tiegħu. Il-fatt li turi lil San Ġwann, aktarx li hi attribwita lil Ġwanni Farrugia, iben Xandru. Dan l-iskultur Ġwanni Farrugia kien imsemmi ħafna għax-xogħol tal-iskultura ta' gandlieri fl-injam għall-knejjes tagħna.

Ma jistax jonqos li fir-raħal tagħna ma nsibux niċeċ iddedikati lill-patruna tagħna Santa Katerina. Tista' tgħid li ma kull dar se ssib xi forma ta' simbolu li jfakkrek fil-patruna tagħna; min-niċċa fuq dar sa finestruni u fontispizji bl-arma tal-patruna.

Fost l-isbaħ niċeċ iddedikati lil Santa Katerina nsibu dik li tinsab fuq id-dar bl-isem ta' Ave Katerina fi Triq Santa Marija. Inħadmet aktarx fis-snin 1860's. Hi niċċa mdaqsa u miżmuma tajjeb ħafna. Simili ta' din l-istatwa nsibu waħda f'kantuniera fil-pjazza f'Marsaxlokk. Hi kopja tal-vara qabel ma rranġawha kif nafuha llum. Ta' min jippriserva din l-istatwa hekk sabiħa u oriġinali għax hi kopja tal-abbozz.

Għalkemm sfortunatament l-aspett reliġjuż qed jonqos minn mar-rabta ta' dawn in-niċeċ, xorta waħda jifdal l-aspett storiku u kulturali tagħhom. Għalhekk hu importanti għalina li nieħdu ħsieb dan il-wirt li fis-sempliċita` tagħhom ħallewlna missirijietna.




glamup
Nails & Beauty Salon
44, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, Zejtun
telephone: 2166 2830 mobile: 7939 3183
Your very own
Beauty Spot
Waxing • Manicure • Pedicure • Messages • Facials • Nail Extensions • Make-up Applications and Products • Semi Permanent Make-up & Hair Removal Treatments • Original Perfumes • Fascinators • Costume Jewellery • Handbags